# Lezzjoni 3

## DARBA SALV DEJJEM SALV?

Wieġeb il-mistoqsijiet mingħajr għajnuna ta' ħadd:

1. **Mistoqsija:** Jinsabu kkwotati l-frażijiet "darba salv dejjem salv," "darba maħtur dejjem maħtur," **jew** "darba fil-grazzja dejjem fil-grazzja" xi mkien fil-Bibbja kollha?

   **Tweġiba:** **IVA LE**

   Jekk **iva**, fejn?

**Hosegħa 11:7**

"U l-poplu tiegħi **riżolut li jarġa' lura minni**: għalkemm isejħulhom lejn il-Għola, ħadd ma jfaħħru."

2. **Mistoqsija:** Temmen int, li l-poplu ta' Alla tbiegħed minn Alla u mar fl-apostasija?

   **Tweġiba:** **IVA LE**

**Dewteronomju 8:11-14**

"**Ara li ma tinsiex il-Mulej, Alla tiegħek**, billi ma tħarisx il-kmandamenti tiegħu, u l-ordinanzi tiegħu, u l-istatuti tiegħu, li jiena llum qiegħed nagħtik; Li wara li tkun kilt u xbajt, u tkun bnejt djar sbieħ, u għammart fihom; U l-baqar u l-imrieħel tiegħek ikunu tkattru, u l-fidda u d-deheb tiegħek ikunu żdiedu, u kulma għandek ikun tkattar; Qalbek ma tintrefax, **u tinsa** l-Mulej, Alla tiegħek, li ħarġek millart ta' l-Eġittu, mid-dar tal-jasar."

3. **Mistoqsija:** Temmen int, li wlied Alla jistgħu jinsew lil l-Mulej, Alla tagħhom?

   **Tweġiba:** **IVA LE**

## Dewteronomju 4:9

"Biss ħares lilek innifsek, u ħares lil ruħek bir-reqqa kollha, li ma **tinsiex** il-ħwejjeġ li għajnejk raw, u li ma **jitilqux minn qalbek** il-jiem kollha ta' ħajtek: iżda għallimhom lil uliedek, u lil ulied uliedek."

4. **Mistoqsija**: Temmen int, li din it-twissija turi li wieħed jista' jinsa u jaqa'?
   **Tweġiba**: IVA   LE

## Dewteronomju 18:26

"**Jekk il-ġust jarġa' lura** mis-sewwa tiegħu, u jagħmel il-ħażin, u jmut fih; għal-ħażen tiegħu jkunu għamel, **imut**."

5. **Mistoqsija**: Temmen int, li wieħed **ġust** jista **jmut, spiritwalment**?
   **Tweġiba**: IVA   LE

## 1 Korintin 10:1-12

"**Għax ma rridkomx ma tkunux tafu, ħuti**: missirijietna lkoll kienu taħt is-sħaba, ilkoll qasmu l-baħar, ilkoll kienu mgħammda f'Mosè fis-sħaba u fil-baħar, ilkoll kielu minn ikel spiritwali, —xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata kienet Kristu: —**b'danakollu l-biċċa l-kbira minnhom lil Alla ma għoġbuhx għax ġisimhom intaxar fid-deżert**. **Dan ġara b'eżempju għalina**, biex ma nixxenqux għal ħwejjeġ ħżiena, bħalma xxenqu huma. Tmorrux wara l-allat foloz, **kif għamlu xi wħud minnhom**, bħalma hemm miktub: "Il-poplu qagħad bil-qiegħda jiekol u jixrob, u qamu jixxallaw." Anqas ma għandna niżnu, kif xi wħud minnhom żnew, u f'jum wieħed **mietu** tlieta u għoxrin elf ruħ. Anqas ma għandna nġarrbu l-Mulej, kif xi wħud minnhom ġarrbuh, u **qerduhom is-sriep**. Anqas ma għandkom tgergru, kif għamlu xi wħud minnhom, **u qeridhom il-qerried. Dan ġralhom**

**b'eżempju**, **u nkiteb bi twiddiba għalina** li fuqna wasal tmiem iż-żminijiet. **Min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attent li ma jaqax**.?

6. **Mistoqsija**: Temmen int, li dak li ntqal mill-appostlu Pawlu dwar l-apostasija fit-Testment il-Qadim jista' jiġri lilna wkoll?

   **Tweġiba**: **IVA LE**

7. **Mistoqsija**: Temmen int, li dak li ġara kien miktub għalina bħala eżempju u twiddiba għalina?

   **Tweġiba**: **IVA LE**

8. **Mistoqsija**: Temmen int, li l-kliem "**min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attent li ma jaqax**" ifisser li **Kristjan jista' jaqa' u jintilef**, **ikun "meqrud mill-qerried**" skond l-eżempju mogħti għalina?

   **Tweġiba**: **IVA LE**

9. **Mistoqsija**: Temmen int, illi jekk wieħed "salv dan dejjem salv" dak il-kliem kollu li nkiteb bħala eżempju u twiddiba għalina huwa kollu bla ebda sens għaliex xi bżonn ikollna ta' xi eżempju jew twiddiba jekk dejjem salvi?

   **Tweġiba**: **IVA LE**

## 1 Korintin 9:26-27

"Jien issa hekk niġri, mhux qisni bl-addoċċ; ma nissarax bħallikieku qiegħed nagħti fil-vojt. Iżda ngħakkes bl-aħrax 'il ġismi u njassru, biex ma jiġrilix li, wara li nkun ippridkajt lil ħaddieħor, **jiena stess insibu ruħi ikkundannat**.

10. **Mistoqsija**: Temmen int, li Pawlu kien żbaljat hawn meta qal li **hu kien jista' jkun ikkundannat**?

    **Tweġiba**: **IVA LE**

## Mattew 7:21-23

"Mhux kull min igħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet! F'dak il-jum ikun hemm ħafna li jgħiduli, 'Mulej, Mulej, **mhux f'ismek** ħabbarna aħna? U mhux **f'ismek** keċċejna d-demonji u **f'ismek** għamilhna ħafna mirakli?' Imbagħad jien ngħidilhom, 'Lilkom qatt ma kont nafkom! **Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen**!'"

11. **Mistoqsija**: Temmen int, li **skond Ġesù**, li ħafna llum li qegħdin jippriedkaw f'Ismu sejrin jintilfu?

    **Tweġiba: IVA LE**

## Mark 3:13-19

"Tela fuq il-għoljiet, u sejjaħ lejh **lil dawk li ried**. Huma resqu lejh, u **għażel** tnax li semmiehom appostli **biex jibqgħu miegħu** u biex jibgħathom jippridkaw, u jkollhom is-setgħa li jkeċċu d-demonji. **Għażel** mela t-tnax: Xmun, li tah ukoll l-isem ta' Pietru, u Ġakbu ta' Żebedew, u Ġwanni, ħu Ġakbu, li tahom ukoll l-isem ta' Boanerges, jiġifieri wlied ir-ragħad, u Indri, u Filippu, u Bartilmew, u Mattew, **u Ġuda l-Iskarjota, dak li biegħu**."

12. **Mistoqsija**: Temmen int, li Ġuda l-Iskarjota kien magħżul minn Ġesù Nnifsu?

    **Tweġiba: IVA LE**

## Atti 1:16

"Ħuti jaħtieġ li sseħħ l-Iskrittura, dak li l-Ispirtu s-Santu ħabbar b'fomm David fuq Ġuda, li kien il-mexxej ta' dawk li qabdu lil Ġesù. **Għax hu wieħed minna u kellu sehmu f'dan il-ministeru tagħna**." (Ara Salm 41:9.)

13. **Mistoqsija**: Temmen int, li Ġuda l-Iskarjota kien wieħed li **kellu sehem** fil-ministeru ta' l-appostli?

**Tweġiba: IVA LE**

## Luqa 22:47

"Kif kien għadu jitkellem, waslet ġemgħa nies. Quddiem kien hemm dak li jismu Ġuda, **wieħed mit-tnax**, u dan resaq lejn Ġesù biex ibusu. Imma Ġesù qallu: "Bewsa għażilt, Ġuda, **biex tittradih** lil bin lil Bin il-bniedem?" (Ara wkoll Ġwanni 18:2, 6)

14. **Mistoqsija**: Temmen int, li Ġuda ttradixxa l-ministeru tiegħu billi ttradixxa lil Ġesù ukoll għalkemm hu kien magħżul minn Ġesù Nnifsu, u ntilef (Ġwanni 17: 12?

**Tweġiba: IVA LE**

## Luqa 15:11-32

"...[30]Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa tat-triq, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!' 'Ibni,' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk **kien mejjet** u reġa' qam, **kien mitluf** u nsatab.'"

15. **Mistoqsija**: Temmen int, li **skond Ġesù** l-iben iż-żgħir kien mejjet u mitluf meta hu kien qiegħed igħix ħajja immorali?

**Tweġiba: IVA LE**

16. **Mistoqsija**: Tista' dik il-mewt tkun fiżika?

**Tweġiba: IVA LE**

17. **Mistoqsija**: Kien xi ħadd jew xi ħaġa li "ħataf" lil iben iż-żgħir minn idejn il-Missier kif imwiegħed fi Ġwanni 10:28 jew kien **hu nnifsu** li telaq?

**Tweġiba**:

Kien xi ħadd jew xi ħaġa li "ħataf" lil iben iż-żgħir minn idejn il-Missier ☐

Jew:

Kien **hu nnifsu** li telaq għax ried hu ☐

18. **Mistoqsija:** Ħallih il-Missier, li bir-rieda tiegħu nnifsu, (ta' l-iben) jitilqgħu, fejn dan wasslu għal "mewt" tiegħu u l-kondizzjoni "mitlufa" tiegħu?

**Tweġiba: IVA LE**

19. **Mistoqsija:** Għalkemm l-iben il-ħali kien "issiġillat" bħala iben, kien dan ifisser li hu kien **dejjem salv**, ukoll meta hu kien qiegħed igħix f'ħajja immorali?

**Tweġiba: IVA LE**

## Efesin 4:30

"U tnikktux l-Ispirtu s-Santu ta' Alla, li fih intom issiġillati għal jum il-fidwa."

20. **Mistoqsija**: Tgħid il-Bibbja li aħna "**ssiġillati** għal jum il-fidwa" **jew** li aħna "**salvi** għal jum il-fidwa"?

**Tweġiba**:

Li aħna "**ssiġillati** għal jum il-fidwa." ☐

Jew:

Li aħna "**salvi** għal jum il-fidwa." ☐

## Luqa 8:13

"Dawk ta' fuq il-blat huma dawk li, meta jisimgħu l-kelma, **jilqgħuha bil-ferħ**, iżda billi ma jkollhomx egħruq **jemmnu għal ftit taż-żmien** u meta jiġi fuqhom it-tiġrib jitilqu."

21. **Mistoqsija**: Kienu dawk ta' fuq il-blat **laqgħu** l-kelma bil-ferħ?

**Tweġiba**: IVA LE

22. **Mistoqsija**:
Kienu dawk ta' fuq il-blat **emmnu**?
**Tweġiba**: IVA LE

23. **Mistoqsija**:
Kienu dawk ta' fuq il-blat wara li **emmnu** mitlufa?
**Tweġiba**: IVA LE

24. **Mistoqsija**:
Hija l-persekuzzjoni (jew it-tiġrib) prova jew test li tikkawża lil xi Kristjani tassew li "jaqgħu" jew li jmutu spiritwalment?
**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 5:13

"Intom il-melħ ta' l-art. **Imma jekk il-melħ jaqta'** biex jerġa' jieħu t-togħma? Ma jibqa' tajjeb għal xejn iżjed **ħlief biex jintrema barra u jintrifes min-nies.**"

25. **Mistoqsija**: "Intom il-melħ ta' l-art." Temmen int, li **l-Kristjani** huma mxebbħin mal-"melħ" ta' l-art?
**Tweġiba**: **IVA LE**

26. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond Ġesù, "il-melħ" (il-Kristjani) jista' "**jaqta' u jintrema barra u jintrifes min-nies**" li jfisser li **Kristjan jista' jintilef**?
**Tweġiba**: **IVA LE**

## Ġwanni 6:66-67

"Minn dak in-nhar **ħafna mid-dixxipli tiegħu telquh** u **ma baqgħux imorru warajh**. Imbagħad Ġesù qal lit-tnax: "**Tridux titliqu** intom ukoll?"

27. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond l-Ispirtu s-Santu, dawk li telquh (lil Ġesù) u ma baqgħux imorru warajh **kienu dixxipli** tassew ta' Ġesù?

**Tweġiba**: **IVA LE**

28. **Mistoqsija**: Temmen int, li dixxiplu ta' Ġesù, ukoll illum, **jista' jitlaq lil Ġesù u jintilef**?

**Tweġiba**: **IVA LE**

## Ġwanni 15:6

"**Jekk** wieħed ma jibqax fija, **jintrema barra** bħal fergħa u jinxef; imbagħad, **friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtu-hom fin-nar u jinħarqu**"

29. **Mistoqsija**: Temmen int, li Ġesù kien żbaljat meta qal "**Jekk** wieħed ma jibqax fija"?

**Tweġiba**: **IVA LE**

30. **Mistoqsija**: Temmen int, li **skond Ġesù** wieħed li jkun "fi Kristu" **jista' jintrema barra u jinħaraq**?

**Tweġiba**: **IVA LE**

31. **Mistoqsija**: Temmen int, li **skond il-bnedmin** kull min hu "fi Kristu" **qatt ma jista' jintrema barra u jinħaraq**?

**Tweġiba**: **IVA LE**

## Luqa 16:23-25

"Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'art l-imwiet, refa' ħarstu, u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, b'Lażżru fi ħda-nu. U għolla leħnu u qallu, '**Missier, Abraham**, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar.'" '**Ibni,' qallu Abraham**, 'ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lażżru, il-ħażin

irċevieh f'ħajtu. **Imma issa** hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, **waqt li inti qiegħed tbati**."

32. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li **skond Ġesù**, ir-raġel għani kien "iben ta' Abraham" **u ntilef**?

    **<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

## <u>Rumani 11:22</u>

"Qis, mela, it-tjieba u l-ħruxija ta' Alla: ħruxija għal dawk **li waqgħu**, u t-tjieba għalik **jekk tibqa' fit-tjieba tiegħu; inkella int ukoll titqaċċat**." (Ara numru 83.)

33. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li **dawk li waqgħu** kienu jemmnu?

    **<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

34. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li Kristjan jista' **jaqa'** u jduq il-ħruxija ta' Alla?

    **<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

## <u>1 Korintin 3:3-4</u>

"Għaliex għadkom tad-demm u l-laħam, la darba fostkom għad hemm **l-għira u l-ġlied**. Ma għadkomx forsi tad-demm u l-laħam, u ma għadkomx timxu ta' bnedmin meta hemm fostkom min igħid: 'Jien ta' Pawlu' u ieħor: 'Jien ta' Apollo'? M'intomx taħsbuha ta' bnedmin?" (ara wkoll 1 Korintin 1:10-15).

35. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li fost il-Kristjani, fejn ikun hemm **l-għira u l-ġlied** ma jkunx hemm salvazzjoni?

    **<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

## <u>1 Korintin 5:11</u>

"Imma bħalissa qiegħed niktbilkom biex ma tagħmluhiex ma' **min jissejjaħ ħukom** u jkun hu żieni, rgħib, idolatara

jew insolenti, sikran jew ħalliel; ma' dan l-anqas biss tieklu ma għandkom."

36. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond Pawlu dawk li kienu jissejħu **ħuthom** kienu nies li kienu jemmnu?

    **Tweġiba**: IVA LE

37. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond Pawlu dawk li kienu jissejħu **ħuthom** kienu nies li kienu jemmnu iżda mitlufa?

    **Tweġiba**: IVA LE

## 1 Korintin 15:1-2

"Ħuti, irrid infakkarkom fl-Evanġelju li intom ilqajtu u li fih qegħdin iżżommu sħiħ. Bih intom salvi bil-kelma li jien ħabbartilkom, **kemm-il darba żżommuha, jekk ma emmintux bl-addoċċ.**"

38. **Mistoqsija**: Temmen int, li l-frażi "**kemm-il darba żżommuha**" tfisser li xi wħud jistgħu ma jżommuhiex (il-kelma) u jintilfu?

    **Tweġiba**: IVA LE

39. **Mistoqsija**: Temmen int, li Kristjan jista' **jaqa'** u jduq il-ħruxija ta' Alla?

    **Tweġiba**: IVA LE

## 2 Korintin 11:3-4

"**Jiena nibża'**, **bħalma s-serp qarraq** b'Eva bil-ħażen tiegħu, **hekk fehmietkom jitħassru** mis-sempliċità u s-safa tagħhom fi Kristu. Għax jekk xi ħadd jiġi jxandar Kristu ieħor, barra dak li xandarna aħna, jew inkella **tieħdu** spirtu ieħor barra dak li ħadtu, jew xi evanġelju ieħor barra dak li lqajtu, intom tkunu toqgħodu għalih."

40. **Mistoqsija**: Temmen int, li xi Kristjani jistgħu jkunu mqarrqa bħalma s-serp qarraq b'Eva?

**Tweġiba**: **IVA LE**

## Galatin 1:6-7

"Nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr **tbegħidtu** minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu **u dortu lejn Evanġelju ieħor**; mhux għax hemm xi Evanġelju ieħor, imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu."

41. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond l-appostlu Pawlu xi Kristjani tbiegħdu minn min sejħilhom fil-grazzja ta' Kristu **u daru lejn Evanġelju ieħor**?

**Tweġiba**: **IVA LE**

42. **Mistoqsija**: Temmen int, li l-Kristjani li jitbiegħdu minn min sejħilhom fil-grazzja ta' Kristu **u jduru lejn Evanġelju ieħor jintilfu**?

**Tweġiba**: **IVA LE**

## 1 Timotju 1:18-20

"Din hi, Timotju, ibni, l-ordni li nħallilek f'idejk skond il-profeziji li saru fuqek sa minn qabel: biex bis-saħħa tagħhom tidħol bil-qawwa għat-taqbida, b'fidi, u b'kuxjenza tajba; li **xi wħud billi telquha , tfarrku fil-fidi tagħhom**: fosthom hemm Imeni u Alessandru, li jien irħejthom f'idejn Satana biex jitgħallmu ma jidgħux."

43. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond il-Kelma ta' Alla, **Kristjani**, bħal Imeni u Alessandru jistgħu **jitfarrku fil-fidi**?

**Tweġiba**: **IVA LE**

## 1 Timotju 3:1, 6-7

“**Din hi kelma ta’ min joqgħod fuqha**: min jixtieq ix-xogħol ta’ isqof jixtieq xogħol sabiħ...Ma għandux ikun wieħed li għadu kif tgħammed, li ma jmurx jimtela bih in-nifsu **u hekk jaqa’ fil-kundanna tax-xitan**. Għandu jkollu wkoll isem tajjeb mal-barranin, **li ma jaqax fil-għajb u jaqa’ fix-xibka tax-xitan.**”

44. **Mistoqsija**: Temmen int, li din hija **kelma ta’ min joqgħodu fuqha**?

    **Tweġiba**: IVA LE

45. **Mistoqsija**: Temmen int, li **wkoll isqof** jista’ **jaqa’ fil-kundanna tax-xitan u jintilef**?

    **Tweġiba**: IVA LE

46. **Mistoqsija**: Temmen int, li **wkoll isqof** jista’ **jaqa’ fil-għajb u jaqa’ fix-xibka tax-xitan u jintilef**?

    **Tweġiba**: IVA LE

47. **Mistoqsija**: Temmen int, li jekk il-Kelma ta’ min joqgħod fuqha tgħid li **saħansitra l-isqof** jista’ jaqa’ fil-kundanna tax-xitan u jaqa’ fil-għajb u jaqa’ fix-xibka tax-xitan u jintilef li t-tagħlim ta’ “darba salv dejjem salv” huwa falz?

    **Tweġiba**: IVA LE

## 1 Timotju 5:14-15

“Għalhekk in-nisa li jormlu żgħażagħ irridhom jerġgħu jiżżewġu, inisslu l-ulied u jkollhom dar x’imexxu, u lil lill-għadu ma jagħtuh ebda okkażjoni ta’ tmaqdir. Għax hemm xi wħud minnhom li ġa ħarġu barra mit-triq għal wara Satana.”

48. **Mistoqsija**: Temmen int, li l-Ispirtu s-Santu hawn qiegħed igħid li xi wħud minn dawk in-nisa żgħażagħ (Kristjani) **ħarġu barra mit-triq**?

**<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

49. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li Kristjani li **joħorġu barra mit-triq u jmorru wara Satana** dawn jibqgħu salvi?

**<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

## <u>1 Timotju 6:2-4, 10, 20-21</u>

"...Dan għallem u wissi. **Min igħallem ħaġa oħra**, minn ma joqgħodx għall-kliem utieq ta' Sidna Ġesù Kristu u għat-tagħlim skond it-tjieba, dan ikun supperv u ma jkun jaf xejn...[10]Għax ir-regħba għall-flus hi l-għerq ta' kull ħażen; kien ħtija ta' din ir-regħba **li xi wħud <u>ħarġu barra mit-triq tal-fidi</u> u nfnew b'niket kbir**...[20-21]Timotju, ħares sewwa dak li kien afdat f'idejk. Aħrab il-kliem profan u fieragħ u l-kontradizzjonijiet ta' **l-għerf falz**, **li xi wħud ħaddnuh u tbiegħdu mill-fidi**."

50. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li skond għall-kliem utieq ta' Sidna Ġesù Kristu Kristjani jistgħu **joħorġu barra mit-triq u jintilfu**?

**<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

51. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li skond il-Kelma ta' Alla hemm "għerf falz" li xi Kristjani **ħaddnuh** (u jistgħu jħaddnuh illum ukoll) **u ħarġu barra mit-triq u ntilfu**?

**<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

## <u>2 Timotju 2:16-17</u>

"Aħrab it-tpaċpiċ fieragħ u ħażin għax dawk li jitkellmu hekk jibqgħu sejrin mill-ħażin għal l-agħar u kliemhom jinfirex bħal kankrena. **Min dawn huma Imeni u Filetu, <u>li tbiegħdu mill-verità</u>** għax qegħdin igħidu li l-qawmien mill-imwiet ġa sar, u qegħdin iħawdu l-fidi f'xi wħud."

52. **Mistoqsija**: Temmen int, li Pawlu kien żbaljat meta qal li żewġ **Kristjani**, Imeni u Filetu, **tbiegħdu mill-verità**?

**Tweġiba**: **IVA LE**

53. **Mistoqsija**: Temmen int, li meta **Kristjan**, (bħal Imeni u Filetu), **jitbiegħed mill-verità** u jkompli jħawwad il-fidi ta' Kristjani oħra dan se jsalva?

**Tweġiba**: **IVA LE**

## Lhud 2:1-3

"Għalhekk għandna nagħtu ħafna aktar każ ta' dak li smajna, **li ma mmorrux nitbiegħedu 'l barra mit-triq**. Għax jekk il-kelma li ngħatat permezz ta' l-angli kienet tiswa tant li min ma kienx iħarisha, jew ma kienx joqgħod għa-liha, kien jieħu l-ħlas li ħaqqu, **kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni** hekk kbira? Din hi s-salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh."

54. **Mistoqsija**: Temmen int li "kif nistgħu neħilsuha aħna **jekk inwarrbu salvazzjoni**" tfisser li Kristjani jistgħu jagħmlu dan u jintilfu?

**Tweġiba**: **IVA LE**

## Lhud 3:12-14

"**Ħuti**, araw li f'ebda wieħed **minnkom** ma jkun hemm qalb imħassra bin-nuqqas ta' twemmin **li jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj**. Imma agħmlu l-qalb lil xulxin kull jum—sakmemm inkunu għadna nistgħu ngħidu "illum"—biex ħadd **minnkom ma jiġġarraf** mid-dnub u jwebbes qalbu. Għax aħna għandna sehem fi Kristu, **jekk inżommu sħiħa sa l-aħħar** it-tama li kellna fil-bidu."

55. **Mistoqsija**: Temmen int, li din it-twissija hija mogħtija lill-Kristjani?

**Tweġiba: IVA LE**

56. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond din it-twissija jista' jkun hemm xi Kristjani li jkollhom "nuqqas ta' twemmin **li jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj**" u b'hekk **jiġġarfu**?

57. **Mistoqsija**: Temmen li jista' jkun hemm xi Kristjani li **ma jibqgħux iżommu sħiħ sa l-aħħar**?

**Tweġiba: IVA LE**

## Lhud 4:1, 11

"Ħa jkollkom mela l-biża' li, waqt li l-wegħda li nidħlu filmistrieħ tiegħu għadha hemm, ma jkunx hemm xi ħadd **minnkom** li jibqa' lura...[11]Infittxu mela li nidħlu f'dan ilmistrieħ, biex ma jkunx hemm **min jaqa' bħalhom** fuq l-eżempju ta' l-ebusija tagħhom"

58. **Mistoqsija**: Temmen int dan jista' jiġri lill-Kristjani?

**Tweġiba: IVA LE**

## Lhud 6:4-6

"Għax ma jistax ikun li **treġġa' lura** għal l-indiema lil dawk li, wara li darba **sfaw imdawla**; wara li **daqu d-don tas-sema fl-Ispirtu s-Santu**; wara li **daqu t-tjubija tal-kelma ta' Alla** u l-qawwa taż-żmien li għad irid jiġi, imbagħad **reġgħu waqgħu**; għaliex dawn, bl-istess imġiba tagħhom, isallbu lil l-Iben ta' Alla u jwaqqgħuh għat-tmaqdir."

59. **Mistoqsija**: Temmen int, li dawk li **reġgħu waqgħu**, skond il-Kelma ta' Alla, **qabel** kienu nies li "**sfaw imdawla,**" li "**daqu d-don tas-sema fl-Ispirtu s-Santu**"

u li "**daqu t-tjubija tal-kelma ta' Alla,**" jiġifieri, li kienu Kristjani?

**Tweġiba: IVA LE**

60. **Mistoqsija:** Temmen int, li t-tagħlim ta' "darba salv dejjem salv" ma jaqbilx ma' dan il-kliem ispirat?

**Tweġiba: IVA LE**

## Lhud 10:26-27, 38

"Għax jekk **wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna**, ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir. Jibqgħalna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred l-egħdewwa ta' Alla...[38]Il-bniedem ġust tiegħi jgħix bil-fidi; **imma jekk jerġa' lura** jien ma nitgħaxxaqx bih."

61. **Mistoqsija:** Temmen int, li "**wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità, nistgħu nidinbu minn rajna** u "jibqgħalna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred"?

**Tweġiba: IVA LE**

## Lhud 12:25

"**Qisu li ma twarrbux** lil dak li qiegħed ikellimkom! Għax jekk ma ħelsuhiex dawk talli warrbu 'l min kellimhom fuq l-art, **wisq aktar ma neħilsuhiex aħna jekk inwarrbu** 'l min ikellimna mis-sema."

62. **Mistoqsija:** Temmen int, li Kristjan jista' jwarrab lil Mulej u ma jeħlishiex, jintilef?

**Tweġiba: IVA LE**

## 2 Pietru 2:20-22

"Għax **jekk wara li ħelsu** mill-ħażen tad-dinja bis-saħħa tal-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu, **reġ-għu tħabblu fih u ġew mirbuħin minnu, xortihom ta' l-aħħar sa tkunilhom agħar minn ta' l-ewwel. Kien ikun aħjar għalihom li ma <u>għarfu</u> qatt it-triq tal-verità milli, wara li <u>għarfuha</u>, reġġħu lura mill-kmandament imqad-des li ngħata lilhom.** Ġralhom kif igħid sewwa l-pro-verbju: "Il-kelb idur għall-vomtu tiegħu", u "Il-ħanżira l-maħsula titmiegħek fit-tajn."

63. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int, li dawk li Pietru qiegħed jit-kellem dwarhom huma Kristjani, nies li kienu "**ħelsu** mill-ħażen tad-dinja bis-saħħa tal-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu"?

    **<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

64. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int, li dawk li Pietru qiegħed jit-kellem dwarhom huma Kristjani, nies li kienu "**għarfu t-triq tal-verità**"?

    **<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

65. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int, li dawk li Pietru qiegħed jit-kellem dwarhom huma Kristjani, li "**reġġħu lura mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom**"?

    **<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

66. **<u>Mistoqsija</u>:** Temmen int, li dawk li Pietru qiegħed jit-kellem dwarhom huma Kristjani, li **darba kienu salvi** u aktar wara **waqgħu mill-grazzja**, kienu mitlufa?

    **<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

## <u>2 Pietru 3:17</u>

"Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan, **għassu sew-wa li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-**

**nies bla rażan u taqgħu mnejn tinsabu qegħdin fis-sod.**"

67. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond din it-twissija Kristjani jistgħu jisfaw "**maħkuma mill-iżbalji ta' nies bla rażan**?

    **Tweġiba**: IVA LE

68. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond din it-twissija Kristjani jistgħu **jaqgħu mnejn jinsabu qegħdin fis-sod**?

    **Tweġiba**: IVA LE

69. **Mistoqsija**: Temmen int, li skond din it-twissija Kristjani jistgħu li darba kienu salvi jistgħu jintilfu?

    **Tweġiba**: IVA LE

## 2 Ġwanni 8, 9

"Ħarsu rwieħkom, **li ma tmorrux titlifu dak li għalih ħdimtu**, imma tieħdu ħlas sħiħ. **Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu**, **dan ma għandux lil Alla fih**. Imma **min jibqa'** fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih."

70. **Mistoqsija**: Temmen int li dan il-kliem qiegħed jintqal għal dawk li huma Kristjani, li kienu salvi?

    **Tweġiba**: IVA LE

71. **Mistoqsija**: Temmen int li biex wieħed **jibqa' fit-tagħlim** dan ifisser li hu jkun sar Kristjan, kien salv?

    **Tweġiba**: IVA LE

72. **Mistoqsija**: Temmen int li biex wieħed **ma jibqax fit-tagħlim** dan ifisser li hu jkun l-ewwel sar Kristjan u wara **waqa' mill-grazzja**?

    **Tweġiba**: IVA LE

## Rivelazzjoni 2:1, 4-5

"Lil l-anġlu tal-knisja li hemm f'Efesu iktiblu hekk:... Imma kontra tiegħek għandi li inti **ħallejt** dik l-imħabba li kont urejt fil-bidu. Mela issa ġib quddiem għajnejk **fiex waqajt, indem**, u erġa' skond l-opri tiegħek tal-bidu. Għax inkella niġik u **nneħħilek** kandelabru tiegħek minn postu **jekk ma tindimx**."

73. <u>**Mistoqsija**</u>: Temmen int, li Kristjani fil-knisja ta' Efesu kienu se jintilfu **jekk ma jindmux**.

<u>**Tweġiba**</u>: **IVA LE**

## <u>Rivelazzjoni 2:10; (Mattew 10:22)</u>

"Tibżax minn dak li se jkollok issofri; ara, id-demonju se jixħet 'il xi wħud minnkom fil-ħabs biex iġarrabkom, u intom tgħaddu minn għaxart ijiem ta' taħbit. **Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja**."

74. <u>**Mistoqsija**</u>: Temmen int, li skond dan il-kliem wieħed jista' **ma jibqax fidil sal-mewt**?

<u>**Tweġiba**</u>: **IVA LE**

## <u>Rivelazzjoni 21:5-8</u>

"Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: 'Ara, se nġedded kollox', Qalli: 'Ikteb , **għax dawn il-kelmiet huma minnhom <u>u ta' min joqgħod fuqhom</u>**.' U qalli mbagħad: 'Magħmula huma. Jiena l-Alfa u l-Omega, il-Bidu u t-Tmiem. Lil min hu bil-għatx jiena nisqih b'xejn mill-għajn tal-ħajja. Dawn jirithom **ir-rebbieħ**; u jiena nkun Alla tiegħu u hu jkun ibni. **Imma** għall-ġwejjef, <u>**għal min ma baqax fidil**</u>, għal dawk ta' ħajja mħassra, għall-qattiela, għaż-żienja, għas-saħħara, għal l-idolatri, u għall-giddieba kollha, sehemhom ikun fil-belliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt."

75. <u>**Mistoqsija**</u>: Temmen int, li dan il-kliem hu **minnu <u>u ta' min joqgħod fuqu</u>**?

**<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

76. <u>**Mistoqsija**</u>: Temmen int, li l-kliem li hu **minnu <u>u ta' min joqgħod fuqu</u>** jgħidilna li Kristjan jista' **ma jibqax fidil u sehemu jkun fil-beliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt**?

**<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

77. <u>**Mistoqsija**</u>: Liema tagħlim int temmen, (1) it-tagħlim tal-Kelma ta' Alla li jgħid: li Kristjan jista' **ma jibqax fidil u sehemu jkun fil-beliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt**, jew (2) it-tagħlim tal-bnedmin li jgħidu li "darba salv dejjem salv"?

**<u>Tweġiba</u>: (1) ☐ (2) ☐**

## <u>Mattew 6:14-15</u>

"Għax **jekk** intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. **Imma jekk** intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, **anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom**."

78. <u>**Mistoqsija**</u>: Temmen int, li l-qalb ta' Kristjan tista' tinnega l-maħfra tiegħu stess minn Alla u jintilef? (Ara wkoll Mattew 18:21-35.)

**<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

## <u>2 Timotju 2:12</u>

"**Jekk** inbatu, insaltnu wkoll miegħu: **jekk niċħduh, jiċħadna hu wkoll**."

79. <u>**Mistoqsija**</u>: Temmen int, li, skond dan il-kliem ispirat, Kristjan jista' jiċħad lil Kristu ("**jekk niċħduh**")?

**<u>Tweġiba</u>: IVA LE**

80. **Mistoqsija:** Temmen int, li, skond dan il-kliem ispirat mill-Ispirtu s-Santu u mlissen minn Pawlu, Kristu jista' jiċħadna, lilna li aħna Kristjani ("**jiċħadna hu wkoll**") u nintilfu?

**Tweġiba: IVA LE**

## Rumani 11:20-21

"Tajjeb! Tqaċċtu, għax ma emmnux; **imma int qiegħed iżżomm fil-fidi. Timliex rasek, iżda ibża'. Jekk Alla ma ħafirhiex lill-friegħi naturali, anqas ma jaħfirha lilek.**" (Ara numru 33)

81. **Mistoqsija:** Temmen int, li hawn l-appostlu Pawlu enfasizza b'mod qawwi *l-periklu kbir* tad-dottrina ta' "assigurazzjoni eterna," jew "darba salv dejjem salv" kif qegħdin igħallmu xi wħud illum?

**Tweġiba: IVA LE**

82. **Mistoqsija**: Temmen int, li t-twissija hawn **għall-Kristjani** hija biex ma "**jimlewx rashom**" li huma salvi, imma li "**jibżgħu**" li ma jmorrux **jitilfu dik is-salvazzjoni**?

**Tweġiba: IVA LE**

## Galatin 6:7-8

"**Titqarrqux**; Alla ma jidħak bih ħadd. Dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad. **Min jiżra' f'ġismu jaħsad mill-ġisem it-taħsir**; min jiżra' fl-ispirtu, jaħsad mill-ispirtu l-ħajja ta' dejjem."

83. **Mistoqsija:** Temmen int, li jekk Kristjan "jiżra' biex jogħġob il-ġisem, hu jaħsad il-**qirda**, **it-taħsir** kif hija fl-oppost tal-*ħajja ta' dejjem*?

**Tweġiba: IVA LE**

## Rumani 8:13

"Għax **jekk tgħixu skond il-ġisem, tmutu**; imma jekk tmewtu l-egħmil tal-ġisem bl-Ispirtu, tgħixu."

84. **Mistoqsija**: Temmen int, li hawn l-appostlu Pawlu qiegħed iwissina biex ma ngħixux skond l-egħmil, jekk nagħmlu hekk **immutu**?

**Tweġiba: IVA LE**

85. **Mistoqsija**: Temmen int, li aħna **mmutu mewta spiritwali**, jiġifieri li nintlifu?

**Tweġiba: IVA LE**

86. **Mistoqsija**: Huwa possibbli li "**tmut**" **spiritwalment**, jekk int qatt ma kont l-ewwel **ħaj spiritwalment**?

**Tweġiba: IVA LE**

## Ġwanni 15:10

"**Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti,** kif jiena ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu." (Ara wkoll Ġwanni 14:15, 21, 23.)

87. **Mistoqsija**: Temmen int, li Ġesù jgħid li aħna għandna nobdu l-kmandamenti tiegħu biex **nibqgħu f'imħabbtu**?

**Tweġiba: IVA LE**

88. **Mistoqsija**: Temmen int, li biex persuna **tibqa' f**l-imħabba ta' Ġesù dan ifisser li hija għandha tkun **diġa' tinsab** f'imħabbtu, jiġifieri, Kristjana?

**Tweġiba: IVA LE**

89. **Mistoqsija**: Temmen int, li jekk dik il-persuna ma **tibqax** fl-imħabba ta' Ġesù billi ma tkomplix tħares il-kmandamenti Tiegħu, dan ifisser li hija tintilef għal dejjem, ukoll għalkemm hija kienet Kristjana?

**<u>Tweġiba</u>: IVA  LE**

90. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li llum aħna għandna eżempju ċar ta' dan fejn naraw li wieħed mill-kmandamenti ta' Ġesù, jiġifieri, il-magħmudija bħala li hija *prerekwiżit għas-salvazzjoni* (Mark 16:16), qiegħed jiġi mwarrab fil-ġenb billi jintqal li mhix għall-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38; 22:16) u b'hekk dawk li jemmnu u jgħallmu dak it-tagħlim mhumiex qegħdin **iħarsu l-kmandament** Tiegħu u sejrin jintilfu għal dejjem ukoll għalkemm xi wħud minnhom kienu saru Kristjani jew jistqarru li huma Kristjani?

**<u>Tweġiba</u>: IVA  LE**

## <u>Galatin 5:4</u>

"Lilkom, li intom iġġustifikati bil-liġi, Kristu sar ma jiswielkom xejn, **intom waqajtu mill-grazzja**."

91. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li hawn l-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, qiegħed igħid li **wieħed jista' jaqa' mill-grazzja**?

**<u>Tweġiba</u>: IVA  LE**

92. **<u>Mistoqsija</u>**: Temmen int, li xi wħud mill-Galatin, skond l-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, **<u>waqgħu</u> mill-grazzja**?

**<u>Tweġiba</u>: IVA  LE**

## <u>2 Pietru 3:17</u>

"Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan, **għassu sewwa li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan <u>u taqgħu</u> mnejn tinsabu qegħdin fis-sod.**"

93. **Mistoqsija**: Lest int, li twarrab it-tagħlim falz kollu tal-bnedmin u taċċetta biss dak li tgħidlek il-Kelma ispirata ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, biex b'hekk ma tisfax "**maħkum** mill-iżbalji ta' nies bla rażan **u taqa' mnejn tinsab qiegħed fis-sod**?

**Tweġiba**: **IVA LE**

94. **Mistoqsija**: Issa li qrajt tassew x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan is-suġġett, temmen int li wieħed "salv dejjem salv" u qatt ma jista' jintilef?

**Tweġiba**: **IVA LE**